**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Gunju, 2025**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru: 497/2024 JVC**

Matthew Agius (K.I. 106774M)

vs

Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz tad-digriet datat 3 ta'

Ottubru 2024 Michelina Agius nee' Pace giet kjamata fil-kawza.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Matthew Agius illi permezz tieghu talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attur Matthew Agius twieled nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elf u disa' mija u erbgha u sebghin (1974), hekk kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru tal-iskizzjoni elf, sebgha u sittin (1067), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **'Dok A'**;

2. Illi hekk kif indikat fl-att tat-twelid tal-attur, l-attur huwa bin s-Sur Eric Agius, u n-neputi tas-Sur Worthington Allen Shakleford;

3. Illi missier l-attur, is-Sur Eric Agius twieled minn relazzjoni li ommu, s-Sa Guzeppa Agius kellha ma' suldat Ingliz, is-Sur Worthington Allen Shakleford fl-eqqel tat-tieni gwerra dinjija;

4. Illi ftit wara t-twelid tas-Sur Eric Agius, missieru irritorna lura lejn l-Ingilterra, u b'hekk missier l-attur trabba minn ommu u missier ommu, in-nannu matern tar-rikorrenti. Ghal din ir-raguni, missier l-attur kien inghata il-kunjom ta' ommu, 'Agius', minkejja li kien gie eventwalment rikonoxxut minn

missieru, is-Sur Allen Worthington Shakleford, hekk kif indikat fl-Att tat-Twelid tal-attur;

5. Illi dawn l-ahhar sentejn, l-attur hass certu gibda sabiex jirrifletti fuq il-famlija tal-origini tieghu, u kien ghalhekk li beda jistaqsi lill-missieru dwar nannuh. Minhabba li missier l-attur ma jafx wisq fuq missieru, stante li dan kien telaq lura lejn l-Ingilterra meta kien ghadu zghir, l-attur baqa' bix-xewqa li johloq holqa mal-familja paterna estiza, b'mod partikolari mal-imsemmi dixxendenti;

6. Illi dan il-bzonn hareg car waqt terapija personali tal-attur u dan ghaliex missier l-attur dejjem zamm il-passat tieghu mistur minn ibnu;

7. Illi minhabba dan il-bzonn, u fuq suggeriment tal-istess terapista, l-attur beda juza' z-zewg kunjomijiet;

8. Illi sabiex l-attur ihossu aktar sintonizzat mal-familja paterna tieghu, beda jaghmel uzu mill-kunjom ta' nannuh, u b'hekk illum hu maghruf bhala 'Matthew Agius Shakleford'u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri;

9. Illi dan il-kambjament fil-kunjom tal-attur m'ghandux jaffettwa bl-ebda mod lil terzi persuni stante li l-attur qed jitlob biss li jzid il-kunjom ta' nannuh, 'Shakleford' mal-kunjom ta' missieru 'Agius' u s'issa ma rrizulta l-ebda pregudizzju mill-uzu tal-istes;

10. Illi l-attur jixtieq jiprevalixxi mid-dritt tieghu skont l-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u jitlob illi jsiru t-tibdiliet necessarji sabiex l-atti ufficjali

tieghu kolla jirriflettu l-kunjom li bih huwa maghruf, ossia' 'Agius Shakleford.

Ghaldaqstant in vista' tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha;

1. Tordna, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), il-pubblikazzjoni ta'avviz fil-Gazetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-istess Kodici Civili;

2. Tawtorizza lill-esponenti Matthew sabiex ikun maghruf b'mod ufficjali bil-kunjom ta' nannuh, 'Shakleford' abbinat mal-kunjom ta' missieru, 'Agius', cjoe 'Agius Shakleford', u dan ai termini tal-artikolu 253 et sequitur tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-attur, Matthew Agius, bin-numru ta' skrizzjoni 1067/1974 billi permezz ta'annotazzjoni generali fl-istess Att tat-Twelid jizdid il-kunjom 'Shakleford' mal-kunjom tal-attur, 'Agius', sabiex b'hekk l-attur ikun ufficjalment maghruf bhala ' Matthew Agius Shakleford';

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan it-tibdil fil-kunjom jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attur u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

B'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi preliminarjament ukoll ġialadarba jidher li r-rikorrenti huwa miżżewweġ lil "Michelina nee' Pace" u tenut kont tal-fatt li martu adottat kunjomu wara ż-żwieġ, hemm ħtieġa illi hija tiġi kjamata fil-kawża għal kull interess li jista' jkollha partikolarment stante illi t-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti jista' jirriżulta f'tibdil f'kunjomha wkoll;

3. Illi fil-mertu l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

4. Illi minn dak li jidher fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, huwa twieled ġewwa Malta nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 1974 lil 'Eric AGIUS' u 'Mary Anne wife of the said Eric AGIUS', fiż-żwieġ. Skont l-istess Att tat-Twelid taħt il-kolonna "Ismijiet mogħtija" hemm indikati l-ismijiet "Matthew, David, George" filwaqt illi taħt il-kolonna "Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ" hemm indikat l-isem "Matthew" u dana skont kif iddikjarat minn missier ir-rikorrent "Eric AGIUS". Illi skont il-liġi in vigore f'dak iż-żmien, ir-rikorrent awtomatikament adotta kunjom missieru u ċioe' 'AGIUS'. Għaldaqstant ċertament ma kienx hemm żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta rreġistra l-istess Att tat-Twelid;

5. Illi sussegwentament, l-attur reġa' ġie ndikat bl-isem 'Matthew' u bil-kunjom 'AGIUS' anke fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru **2402/2012**. Skont l-istess Att taż-Żwieġ, mart l-attur 'Michelina AGIUS nee' PACE' jidher li adottat kunjom żewġha u cioe' 'AGIUS';

6. Illi nonostante, r-rikorrent jidher illi jrid illi jadotta l-kunjom tan-nannu patern tiegħu wkoll sabiex kunjomu jiġi "AGIUS SHAKLEFORD";

7. Illi mingħajr preġudizzju għal-premess, dwar it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva is-seġwenti eċċezzjonijiet:

8. Illi rigward **l-ewwel talba**, l-esponent jirrimetti ruħu;

9. Illi dwar it-tieni u it-tielet talba, mhuwiex ċar eżattament il-bażi legali li fuqha r-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu. Dan jingħad stante li tibdil fl-ismijiet ai termini tal-Artikolu 253(2) jirrikjedu li l-persuna li tagħmel din it-talba tipprova li hija tkun użat tali isem jew ismijiet jew tkun użat għaliha l-familja tagħha. Illi kif jipprovdi l-istess artikolu, sabiex il-Qorti takkorda talba a tenur tal-istess artikolu, l-Qorti trid tiddikjara, ergo trid tkun sodisfatta, li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejħa b'dak l-isem jew ismijiet;

10. Illi minn dak li jirriżulta fir-rikors promotur, ma jidhirx li dawn iċ-ċirkostanzi jissussistu fil-każ odjern. Kull ma jirriżulta huwa li n-nannu patern tar-rikorrenti (missier missieru) kellu kunjomu "Shakleford" u li allegatament it-terapista tar-rikorrent infurmah illi jkun aħjar għalih illi

jibda juża ż-żewġ kunjomijiet ossia "Agius Shakleford". Illi ma jidher li hemm ebda konnessjoni u/jew affinita' man-nannu patern għajr linejaġ paternali. In ogni caso, dak li jrid l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jidher li ma ġiex sodisfatt, ossia li r-rikorrent jipprova kif spjegat qabel, li huwa konsistentament imsejjaħ bil-kunjom "Agius Skakleford" u li l-familja tiegħu jafuh b'dak il-kunjom;

**11.** Illi in oltre, fi kwalunkwe każ, l-esponent għandu dubji serji kemm l-Artikolu 253(2) qatt kien intenzjonat li jintuża bħala l-bażi legali li permezz tiegħu persuna jibdel kunjomu bil-mod kif jixtieq ir-rikorrenti. Dan jingħad stante illi minkejja li llum il-ġurnata twessgħu ferm il-possibilitajiet tal-kunjom li jistgħu jadottaw il-konjuġi kif ukoll wliedhom a tenur tal-Artikolu 4 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tibdil kontemplat mir-rikorrenti xorta waħda mhuwiex possibbli;

**12.** Illi għar-raġunijiet suesposti, l-esponent qiegħed jopponi għat-tieni u t-tielet talba;

**13.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għar-raba' talba, r-rikorrent irid jispeċifika l-Atti li fuqhom irid jiġi rifless it-tibdil rikjest, partikolarment l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2402/2012 fejn il-konjuġi tar-rikorrent indikat li sejra tassumi kunjom żewġha;

**14.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ din l-azzjoni mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk id-Direttur m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**15.**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi.

Bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Ottubru, 2024 din il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Michelina Agius nee' Pace, mart ir-rikorrent li minnu hija legalment separata.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamata fil-kawza Michelina Agius Pace li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-konvenuta u l-attur Matthew Agius, kienu zzewgu nhar is-7 ta' Settembru 2012 u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

2. Illi llum il-gurnata, l-partijiet huma sseparati permezz ta' att ta' separazzjoni datat 15 ta' Jannar 2025 ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dr. Josef Masini.

**3**. Illi l-att ta' separazzjoni sopracitat jistipola illi l-konvenuta kellha tiehu lura kunjomha xebba u cioe Pace u ghaldaqstant il-procedura odjerna m'ghandhiex taffetwa id-dettalji personali taghha stante li hija gia rrivertiet ghall-kunjomha xebba;

4. Illi madankollu, il-konvenuta ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi l-attur izid il-kunjom Shakleford wara Agius.'

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 8 tal-process b'dana li l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u l-ewwel talba tar-rikorrent gew sorvolati;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Marzu, 2025 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat l-att tat-Twelid tar-rikorrent a fol. 6 tal-process li juri li missieru kellu ufficjalment il-kunjom Agius filwaqt li kien nannuh patern li kellu l-kunjom 'Shakleford'. L-istess certifikat jindika lill-missier patern bhala missier illegittimu.

Rat l-att taz-zwieg tar-rikorrent ma' Michelina Pace esebit a fol. 11 tal-process li jindika li l-mara ghazlet li taddotta kunjom ir-ragel cioe' Agius.

Rat l-affidavit tar-rikorrent li jindika lilu nnifsu bhala Matthew Agius Shakleford a fol. 17 tal-process fejn fih jerga' jispjega dak indikat fir-rikors guramentat. Minn dan l-affidavit johrog kif huwa recentement beda juza l-kunjom Shakleford flimkien mal-kunjom Agius. Huwa jixhed kif isegwi:

‘F’ Settembru tal-2021 bdejt il-kors tal-family therapy ma IFT Malta. Tkellimna fuq genograms (family trees) u l-importanza li generazzjonijiet ta' qabilna jkollhom fuq il-personalita’ u l-karattru taghna. Fl-istess zmien, kont qed immur ghal sessjonijiet individwali ta' terapija li fihom, il-psikoterapista Benna Chase, kellmitni fuq il-bzonn li nkun naf aktar fuq in-nannu patern tieghi. Madwar sena ilu kont ergajt staqsejt lil missieri u l-ommi fuq in-nannu u wrejt interess li nkun naf aktar fuq l-arblu tar-razza tal-familja taghna. Ftit wara ommi kienet uritni 2 ritratti tan-nannu patern u fuq wara kien hemm miktub ismu, Worthington Allen Shakleford.

Xi gimgha wara, missieri kien urieni aktar ritratti u wrieni wkoll ic-certifikat tat-twelid tieghu fejn kien hemm imnizzel li missieru hu Worthington Allen Shakleford imma kien imnizzel bhala illegitimate father minhabba li hu u nannti ma kinuz mizzewgin. Missieri qalli li hu ma jiftakrux, imma ommu kienet tghidlu li kien suldat Ingliz stazzjonat gewwa Hal Tarxien, li kien mizzewweg I-Ingilterra u li minhabba f’hekk ma setax jizzewweg lil nannti. Kien ghalhekk li wara li twieled missieri mar lura I-Ingilterra. Missieri qalli li n-nannu kien minn Burnham, Sommerset, imma li qatt ma rah u li ghalih daqs li kieku ma jezistix. Meta kont nistaqsi lil missieri jekk qattx hass li ried jiltaqa' mieghu, kien qalli car u tond li ma jrid jaf xejn fuqu. Meta darba staqsejtu jekk kellux aktar affarijiet tieghu kien nefah wahda kbira u qalli li ma jridx jitkellem fuqu u kien ukoll vizibilment irrabjat. Is-silenzju kien ir-rizultat ta' dan kollu.

Meta nirrifletti fuq dan kollu nhoss li parti mportanti mill-istorja tal-familja tieghi hi nieqsa jew inzammet mistura. Jekk missieri jigi nieqes nista' nghid li tkun spiccat ghal kollox. Min naha l-ohra missieri lanqas irid jitkellem fuqu ahseb u ara jiehu kunjomu,

Shakleford. Waqt li nifhem lil missieri u nimmagina kemm kienet difficli ghalih li missieru abbandunah u rizultat t'hekk trabba bla missier, fi żmien fejn is-socjeta' kienet anqas tolleranti, min naha l-ohra bhalissa jien qed inkun imcahhad milli niehu kunjom nannuwi u nzidu mal-kunjom Agius li jien kburi bih. Nixtieq niehu l-kunjom Shakleford, tan-nannu, ghax nixtieq nirrikonoxxi lin-nannu patern tieghi fl-arblu tar-razza ghax ghalkemm hu telaq lura l-ingiterra, xorta lahaq irrikonoxxa lil missieri bhala ibnu u dak li ghamlu hu u nannti kien frott l-imhabba u tama ghal futur fi zmien fejn id-dinja kienet ghaddeja minn zmien ikrah tat-tieni gwerra dinjija.

Dawn l-affarijiet tkellimthom anke fit-terapija u jien bdejt nuza l-kunjom Agius Shakleford kemm fl-email tax-xoghol (info.mddmalta@gmail.com), u f'dak personali (mtw124@gmail.com). Bdejt nuzah ukoll fuq social media u fil-pagi tax-xoghol mal-Fondazzioni Mid-Dlam Ghad-Dawl kif jidher fid-dokumenti annessi (Appendix MAS1, Appendix MAS1b, Appendix MAS2, Appendix MAS3, Appendix MAS4 u Appendix MAS5).

Meta bdejt nitkellem fuq l-uzu tal-kunjom Agius Shakleford tkellimt ukoll ma' marti (Michelina Agius Pace ID 531289M) fuq l-importanza li din ghandha ghalija. Hi minn dejem fehmet il-bzonn tieghi u qaltli li lesta li tissapportjani fid-decizioni pero' ma kellha l-ebda interess li tuza l-kunjom Shakeford hi woll. F"Gunju 2024, jien u l-mara decidejna li nisseparaw. Meta tkellimna fuq il-kunjom hi qalti li se tiinunzia mill-kunjom Agius u se tiehu kunjomha ta'
xebba jigifier Pace. Qbilna li nagsmu kollox bejnietna imma t-tnejn li ahna se ninfirdu u allura hi se zzomm biss il-kunjom Pace u ghalhekk id-decizioni tieghi li nzid Shakleford ma taffettwahiex.

Ghalhekk, qed nitlob li minhabba li bejni u bejn in-nannu hemm biss generazzjoni wahda, minhabba l-importanza li n-nanniet, anke jekk ma jkunux fizikament prezenti ghandhom fuq in-neputijet taghhom, u minhabba li nixtieq li l-kunjom Shakleford jidhol kif inhu bi dritt fl-arblu tar-razza taghna, qed nitlob li kunjomi jinbidel f'Agius Shakleford. Nixtieq li Agius jibqa' l-ewwel b'rispett kbir lejn nannti u missieri l-valuri li tawni, u Shakleford ghax nixtieq li nannuwi u l-istorja tieghu jidhlu fil-familja taghna bhala messagg ta' tama.'

Rat id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit li turi li recentement ir-rikorrent zied il-kunjom Shakleford wara l-kunjom Agius fil-korrispondenza mibghuta minnu permezz tal-e-mail u wkoll fil-mezzi socjali. Rat ukoll li mis-sena 2024 il-'pay slips' tieghu juru z-zieda tal-kunjom 'Shakleford'.

Ir-rikorrent Matthew Agius xehed in kontro-ezami a fol. 41 tal-process fejn jikkonferma li huwa qatt qabel ma uza l-kunjom Shakleford ghaliex ma kienx jaf bih, izda beda juzah fil-mezzi socjali u l-email recentement sabiex ikun beda juzah qabel ma nfethet il-kawza. Jifhem li dan jista' jqajjem xi tahwid ghalhekk jixtieq li jirregola l-posizzjoni legali tieghu.

Rat l-affidavit ta' Samuel Agius, hu r-rikorrent a fol. 28 tal-process u hadet konjizzjoni tal-kontenut tal-istess fejn tista' tghid jikkonferma li isem in-nannu patern kien jinzamm mistur u li kien recenti li r-rikorrent irnexxilu jgib din l-informazzjoni minghand il-missier u wera' x-xewqa li jibda juza wkoll il-kunjom Shakleford.

Rat l-affidavit ta' Rachel Camilleri nee' Agius, oht ir-rikorrenti li tista' tghid tikkonferma x-xhieda precedenti ta' hutha inkluz li l-identita' tan-nannu patern fil-familja kienet sigriet kbir li kien

jinzamm minn neputijiet u li kien recenti li huha r-rikorrent wera x-xewqa li jibda' juza wkoll il-kunjom Shakleford ghaliex ihoss li bicca mill-passat tieghu hija nieqsa.

Semghet u rat ix-xhieda tal-kjamata fil-kawza Michelina Agius a fol. 349 et seq tal-process. Hija tixhed li r-rikorrent u hi m'ghandhomx ulied, li qed jisseparaw minn ma' xulxin u li hi ser tirriverti ghal kunjom xbubitha Pace u tnehhi l-kunjom tar-rikorrent Agius. Tixhed li qabel ir-rikorrent beda wkoll juza l-kunjom Shackleford fl-e-mail dan qatt ma ntuza fil-familja hlief li taf li qieghed fic-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrent ghaliex kien gie rikonoxxut minn missieru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-atti odjerni jirrizulta lill-Qorti li fil-mument li r-rikorrent sar jaf bil-kunjom ta' nannuh patern Shakleford huwa beda, fejn seta', jaghmel uzu minnu. Dan ma setax jaghmlu qabel ghaliex l-identita' ta' nannuh kienet tinzamm mistura minnu u minn hutu. Jirrizulta wkoll li dan il-kunjom mhux xi wiehed ivvintat izda effettivament huwa kunjom in-nannu patern tar-rikorrent u li kieku dan fic-certifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrent ma giex identifikat b'mod disktriminatorju ghall-ahhar (u din id-diskriminazzjoni llum giet rikonoxxuta anki fil-ligi) bhala missier illegittimu dak il-kunjom kien jiehdu missier ir-rikorrent u l-istess rikorrent u hutu. Illi ghalhekk huwa car f'ghajnejn din il-Qorti n-ness familjari tar-rikorrent mal-kunjom Shakleford.

Illi din il-Qorti tqis li f'sistema legali fejn illum sahansitra tigi accettata bidla fil-kunjom ta' persuna jew bidla kompleta kemm fl-isem kif ukoll fil-kunjom f'kaz li jsir 'deed poll' barra l-pajjiz fejn

persuna taghzel li taddotta isem u kunjom kompletament diversi minn dak li hi maghrufa bih, din il-Qorti tqis li l-ligi nostrana ghandha tigi nterpretata b'mod wiesgha fis-sens li taccetta zieda ta' kunjom tan-nannu patern stante n-ness familjari. Aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li kieku missier ir-rikorrent ma kellux tant kontra missieru, seta' facilment japplika hu ghaz-zieda fil-kunjom b'dana li kienu johduh ukoll uliedu fosthom ir-rikorrent. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrent huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi in vista wkoll li r-rikorrent u l-kjamata fil-kawza llum huma legalment separati u hija esprimiet ix-xewqa u ghazlet li tirriverti lura ghal kunjomha Pace xebba, din id-decizjoni ma ghandha bl-ebda mod taffettwa kunjom il-kjamata fil-kawza Michelina Pace lanqas b'mod retroattiv.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u wkoll tichad ir-risposta tal-kjamata fil-kawza fejn din b'xi mod ma taqbilx mat-talbiet tar-rikorrent;

2. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

3. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba kif dedotti;

4. Tilqa′ r-raba′ talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

Bl-ispejjez kollha fir-cirkustanzi fil-konfront tal-istess rikorrent.

Tordna notifika ta′ din id-decizjoni lid-Direttur intimat skont il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Gunju, 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Gunju, 2025**